**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Novembru, 2001

**Numru 1**

**Avviz. numru 1063/01JR**

**Gazelle Couriers Ltd.**

**vs**

**TMT Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija erbgha u sittin lira Maltija (Lm364.00), u fejn intqal:**

**Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici lejn is-socjeta` attrici ghas-somma ta' tlett mija erbgha u sittin lira Maltija (Lm364.00) dovuta mis-socjeta` konvenuta**

**bhala bilanc ta' somma akbar prezz ta' servizzi provduti lis-socjeta` konvenuta;**

**Illi s-socjeta` konvenuta nfatti rrikonoxxiet dan id-debitu peress illi pprezentat cheque ghall-mija u tnax-il lira Maltija (Lm112.00) datata 29 ta' Mejju, 2001, liema cheque lanqas ma gie onorat.**

**Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata ghall-hlas ta' din s-somma izda baqghet inadempjenti.**

**Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi m' ghandux dan it-Tribunal jikkundannha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija erbgha u sittin lira Maltija (Lm364.00);**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' l-ittra bonarja tas-27 ta' Awissu, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata mis-socjeta` konvenuta fit-30 ta' Ottubru, 2001.**

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija erbgha u sittin lira Maltija (Lm364.00), bl-imghax legali mis-27 ta' Awissu, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**